**SECONDARY SCHOOL ANNUAL EXAMINATIONS 2003**
Educational Assessment Unit – Education Division

FORM 2 | STORJA | Ħin: siegħa u nofs

Isem: ________________________________ Klassi: _________

A: **Aqta' sing taħt it-tajbin**:

1. Fl-1091 il-Konti Ruġġieru għamel il-Gżejjer Maltin TRIBUTARJI. Dan ifisser li l-Għarab li baqgħu Malta kellhom (sena żmien biex jitilqu, kellhom iħallsu l-ħaraġ, kellhom ikabbru l-qoton).
2. Il-Konti Ruġġieru kien qiegħed jipprova jirbaħ (Sqallija, l-Amerika, il-Ġermanja).
3. Il-Konti Ruġġieru iffirma ftehim ma' l-Għarab ta' Malta (taħt tinda, fuq ix-xwieni, ġo l-Imdina).
4. Il-kitba bl-Għarbi fuq il-Ħaġra ta' Majmuna ġiet maqluba għall-Malti minn (La Valette, Malaterra, Temi Żammit).
5. Fis-sistema (Demokratika, Fewdali, tar-Repubblika) is-sultan kien jikri l-Gżejjer Maltin lil xi sinjur li jkun silfu ħafna flus.
6. L-Isqallin keċċew lill-Anġuvini minn pajjiżhom f'rewwixta magħrufa bħala (Il-Gwerra bejn l-aħwa, I Vespri Siciliani, Id-delitti).
7. Malta għaddiet taħt idejn l-Aragoniżi wara battalja (fil-port ta' Malta, ġo Sqallija, l-Imdina).
8. (Il-Komun, Il-Kunsill Skolastiku, Il-Parlament) kien jiddiskuti affarijiet ta' nteress għall-Maltin fil-Medju Evu.
9. Fost l-uffiċċjali tal-gvern fi żmien l-Aragoniżi nsibu (l-Kaptan tal-Virga, l-għalliema, l-ministri).
10. Il- (Katapan, Massaru, Kredenzier) kien jieħu hsieb is-saħħa tan-nies u l-indafa fit-toroq ta' l-Imdina.

(1 x 10 = 10 marki)

## B: Imla l-Vojt bil-kliem mogħti:

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| parroċċa | ħuġġieġa | ordnijiet | d-dejma | bin-nar |
| żwiemel | nafra | muntiera | irġiel | feluka |



1. Biex iħarsu x-xtut ta' Malta mill-pirati, il-Maltin waqqfu ______________________ . Setgħu jieħdu sehem l- _______________ bejn it-18 u s- 60 sena.

2. Is-sinjuri kienu jżommu ___________________________ biex meta jiġu l-pirati jużawhom għat-taqbid.

3. Kif jaraw pirati ġejjin, jagħmlu sinjal imsejjaħ ______________________ . Is-sinjal kien jingħata _________________ . Ikbar ma tkun il- ___________________ ikbar kien ikun l-attakk.

4. L-irġiel tad-dejma kienu jilbsu _________________________ f'rashom. Biha kienu jżommu x-xagħar miġbur.

5. Tip ta' dgħajjes użati kontra l-furbana kienu l- __________________ u x-xambekk.

6. Kull ________________________ kellha l-grupp tagħha. Mas-sinjal kienu jingabru maġenb is-salib tad-dejma jistennew l- ____________________________ .

(1 x 10 = 10 marki)

## C: Aqta' sing taħt dawk li kienu ġa jeżistu fi żmien il-ħakma ta' l-Aragoniżi fuq Malta:

| | | |
|---|---|---|
| Kastell Sant Anġlu | dejma | kitba |
| Suldati | fridges | trejns |

| | | | |
|---|---|---|---|
| Stamperija | kompjuters | żwiemel | |
| gazzetti ta' kuljum | karozzi | ajruplani | |
| fratellanzi | skejjel primarji | elettriku | (6 marki) |

## D: Wieġeb billi taqta' sing: SEMMI:

(a) **Żewġ** persuni li taw sehemhom fir-**RINAXXIMENT**:
Leonardo da Vinci   Maradona   San Tumas   San Pietru   Hitler

(b) **Żewġ POPLI** li ħakmu fuq Malta:
Anġuvini   Russi   Ċiniżi   Aragoniżi   Amerikani

(c) **Żewġ SIDIEN FEWDATARJI** f' Malta:
La Valette   Cardona   Monroy   L'Isle Adam   Leone

(d) **Żewġ GRANMASTRI** ta' l-Ordni ta' San Ġwann:
La Sengle   Dragut   D'Omedes   Mustafa`   Bosio

(e) **Żewġ FORTIFIKAZZJONIJIET** f' Malta fil-Medju Evu:
Sant Anġlu   Żurrieq   Rabat   San Ġużepp   Sant Jiermu

(f) **Żewġ BAĦĦARA u ESPLORATURI** li fittxew u sabu artijiet ġodda biex ikabbru l-kummerċ:
Kristofru Kolombu   Mizzi   Malaterra   Marco Polo   Luteru

(2 marki x 6 = 12-il marka)

## E: Qabbel billi tikteb numru fil-kaxxi l-vojta:

| | | | |
|---|---|---|---|
| 1 | Qadi | Leġġenda marbuta ma' żmien in-Normanni | |
| 2 | ħaraġ | Serq mill-ħallelin tal-baħar | |
| 3 | Għajn Klieb | Nies li ġew mit-Tramuntana ta' l-Ewropa, niżlu fi Franza u l-Italja, u ħakmu fuq Sqallija u Malta | |
| 4 | Sibi | Mexxej ta' l-Għarab | 1 |
| 5 | Anġuvini | ħlas lis-sid kull sena permezz tal-fidda | |
| 6 | Aragoniżi | Palazz għall-kavallieri ta' xi waħda mil-lingwi | |
| 7 | Tratte | Kap tal-biċċa tad-dejma fuq iż-żwiemel | |
| 8 | Kunsill Popolari | Post fl-Imdina fejn jiltaqa' l-Komun | |
| 9 | Muniċipju | Magħżul b'elezzjoni miftuħa | |

| | | | |
|---|---|---|---|
| 10 | Kavabuzz | ġejjin minn Spanja, ħakmu fuq Sqallija u Malta | |
| 11 | Berġa | ix-xiri ta' qamħ minn Sqallija bla ma jitħallas dazju | |

(1 x 10 = 10 marki)

## F: Wieġeb billi tikteb **VERU** jew **FALZ**:



1. In-Normanni ġejjin mill-Vikingi. __________

2. Il-Vikingi kienu ġellieda qalbiena u baħħara mill-aqwa. ________

3. Grupp kbir ta' Vikingi niżlu fi Franza u bil-mod bdew jissejħu Normanni. ___________

4. In-Normanni ħakmu lir-Russja u lill-Amerika wara s-ena 1000 w.K. ___________

5. In-Normanni niżlu lejn in-naħat t' isfel ta' l-Ewropa u ħakmu fl-Italja t'Isfel kif ukoll fi Sqallija. ___________

6. La Valette kien mexxej tan-Normanni li rebaħ lill-Għarab f'Għawdex. ___________

7. Suldati Normanni taħt it-tmexxija tal-Konti Ruġġieru rebħu lill-Għarab li kien hawn f'Malta. ______________

8. Malaterra kien is-segretarju tal-Konti Ruġġieru li kiteb dwar il-miġja tal-Konti Ruġġieru f'Malta. _______________

9. L-ilsiera Nsara laqgħu lill-Konti Ruġġieru bl-għajat ta' *Kyrie Eleison* li tfisser "Mulej Ħniena". _______________

10. Meta ġie Malta il-Konti Ruġġieru tana l-*George Cross*. _______________

(10 marki)

## G: Poġġi wara xulxin skond kif ġraw fl-istorja ta' Malta:

Ikteb numru fil-kaxxi l-vojta.

| | |
|---|---|
| | Il-Kavallieri jaslu Malta. |
| | Il-Maltin ikeċċu lil Gonsalvo Monroy minn Malta. |
| | Il-Konti Ruġġieru jasal Malta fl-1091 |
| | It-Torok jattakkaw Malta fl-1565. |

(4 marki)

## H: Il-Kavallieri ta' San Ġwann u l-Assedju l-Kbir:

*Ibni l-ġrajja ta' l-ewwel snin tal-Kavallieri f'Malta billi timla l-vojt jew tagħżel ir-risposti t-tajbin mill-brakits*:



Il-Kavallieri bdew bħala infermiera (*nurses*) biex jgħinu lill-pellegrini li jmorru jżuru l-Art Imqaddsa. Biex ikunu jistgħu jiddefendu ruħhom kif ukoll jiddefendu lill-pellegrini, tħarrġu fl-użu ta' l-armi. It-Torok Ottomani, li kienu ta' reliġjon Musulmana, keċċew lill-Kavallieri minn Ġerusalemm.



1. Qabel ġew Malta, l-Kavallieri kienu Akri, Ċipru u fi gżira oħra. Liema kienet din il-gżira?
   _________________________________________ (1)

2. It-Torok rebħu l-belt ta' (Kostantinopli, Ruma, Palermo). Huma għamluha l-belt ewlenija u kapitali ta' l-Imperu Ottoman. Bidlulha isimha u semmewha (Istanbul, Sarajevo, Limassol). Dan l-isem ifisser il-*Belt ta' l-Islam*. (1)

3. Il-Gżejjer Maltin u Tripli tpoġġew taħt il-ħarsien tal-Kavallieri fl-1530. Il-mexxej tal-kavallieri kien jissejjaħ (President, Ministru, Granmastru). (1)

4. Min kien l-ewwel mexxej tal-Kavallieri f'Malta? ____________________ (1)

5. Liema kienet il-belt kapitali ta' Malta fl-1530? ____________________ (1)

6. Fejn għamlu l-kwartieri ġenerali tagħhom il-Kavallieri meta ġew Malta fl-1530?

____________________________ (1)

7. Għaliex il-Kavallieri ma marrux joqogħdu fil-belt kapitali l-antika ta' Malta?

________________________________________________ (2)

8. Aqta' sing biex tagħżel żewġ biċċiet bini li bnew il-Kavallieri fil-post fejn marru joqogħdu bejn l-1530 u l-1565:

| | | | |
|---|---|---|---|
| Bereġ | katidral | Sacra Infermeria | |
| freeport | ajruport | Ground tal-futbol | (2) |

*Fl-ewwel snin tagħhom f'Malta il-Kavallieri saħħew l-inħawi tal-portijiet. Huma ġabu ħafna xogħol minħabba l-proġetti li wettqu.*



9. **Imla l-vojt skond il-mappa**: Il-Port il-Kbir huwa mmarkat bl-ittra ________. Meta l-Kavallieri ġew Malta fl-1530 kien ġa jeżisti kastell importanti biex jgħasses id-daħla tal-Port il-Kbir. Fil-mappa dan il-kastell immarkat bin-numru 1. Dan kien ______________________________. Il-Birgu għandu n-numru ________ . Fl-1551, fi żmien it-tmexxija tal-granmastri d'Omedes, il-kursar Dragut attakka lil Malta b' 10,000 ruħ. Hu daħħal ix-xwieni fil-Port ta' Marsamxett . Fuq il-mappa Marsamxett għandu l-ittra ________ . Minn Malta Dragut seraq kulma sab. Baqa' sejjer Għawdex u kaxkar lill-Għawdxin kollha fl-iskjavitu`. Wara dan l-inċident il-Kavallieri bnew il-Forti Sant Jiermu. Fuq il-mappa dan għandu n-Numru ______ . Bnew ukoll l-Isla u l-Forti San Mikiel. (5)

10. Fl-1565 (bejn Mejju sa Settembru) armata kbira Torka taħt Mustafa` u Piali` attakkat Malta.

(a) Kif baqa' magħruf dan l-attakk? ___________________________________ (1)

(b) Min rebaħ? ______________________________________________________ (1)

(c) Min mexxa lill-Maltin u lill-Kavallieri? ___________________________ (1)

(d) X'għamlu l-Kavallieri ta' San Ġwann wara dan l-attakk?

__________________________________________________________________________

________________________________________________________________________ (2)

(20 marka)

## I: MISTOQSIJIET ĠENERALI:

*Wieġeb billi taqta' sing jew timla l-vojt*:

1. Xi tfisser il-kelma RINAXXIMENT?

   ______________________________________________________________ (2)

2. Fi żmien l-Aragoniżi, l- ______________________ kienet tieħu ħsieb iġġib il-qamħ minn Sqallija. (2)

3. Agħti eżempju ta' SORS PRIMARJU ta' l-ewwel żmien tal-Kavallieri f'Malta.

   ______________________________________________________________ (2)

4. Taħseb li dak li studjajt fl-istorja se ssibu bżonnjuż 'il quddiem?

Għid għaliex: ______________________________________________

__________________________________________________________ (2)

(8 marki)

**J**: **Ikteb dwar suġġett wieħed minn dawn**: (10 marki)

1. Immaġina li kont tgħix fil-Medju Evu. Ikteb dwar xi differenzi li ssib bejn dawk iż-żminijiet u llum.

2. Il-ġrajja ta' Monroy. X'wassal il-Maltin biex iqumu kontra Monroy u jitħabtu għad-drittijiet tag]hom.

3. Ikteb ittra lis-sindku tal-Birgu. Issuġġerilu u agħtih ideat dwar kif il-Birgu jista' jsir iktar popolari mat-turisti. Semmi b'mod speċjali il-fdalijiet li hemm il-Birgu marbuta ma' l-ewwel snin tal-Kavallieri f'Malta.

________________________________________________________________________

________________________________________________________________________

________________________________________________________________________

________________________________________________________________________

________________________________________________________________________

________________________________________________________________________

________________________________________________________________________

________________________________________________________________________

________________________________________________________________________

________________________________________________________________________

________________________________________________________________________

________________________________________________________________________